**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 8 ta’ Gunju, 2016

Rikors numru : 407/2015 AL

AB

Vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz taghha ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu gewwa Malta fil-5 ta’ April tas-sena 1986 u minn dan iz-zwieg twieldu erbat itfal, kollha maggorenni;

Illi l-partijiet huma separati legalment permezz ta’ kuntratt redatt minn Nutar Dottor Christine Abela fl-4 ta’ Mejju tas-sena 2011 (Ara Dok. D1);

IIlli m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom separati legalment ghal dawn l-ahhar erba` (4) snin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi m'hemm l-ebda kwistjonijiet pendenti vis-à-vis manteniment li ghandu jivversa kemm lil martu kif ukoll lil uliedu, stante li qatt ma kien hemm problemi f'dan ir-rigward peress li r-rikorrent dejjem jonora l-obbligi tieghu kif dettaljati fil-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness;

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan a jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimata illi giet ikkonfermata minn bil-gurament, li permezz taghha tikkonferma :

1) Illi hija taqbel li m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejnha u bejn zewgha r-rikorrenti u ghaldaqstant ma topponix ghat-talba tar-rikorrent ghal ksib tad-divorzju;
2) Illi hi pero ma taqbilx li ma hemm l-ebda kwistjonijiet pendenti in konnessjoni mal-manteniment li jivversa lill-martu kif ukoll uliedu, stante li ghalkemm li l-hlasijiet relattivi saru, hu naqas milli jawmenta r-rata ta' manteniment skont kif provdut fil-klawsola 9 (a) tal-kuntratt ta' separazzjoni anness mar-rikors odjern u mmarkat bhala Dok D1, kif ukoll ghadu ma ottemporax ruhu mal-obbligu assunt minnu fil-klawsola numru 9 (b) tal-istess kuntratt;
3) Illi ghaldaqstant qed jigi sottomess bir-rispett li r-rikorrenti ghandu jirregola ruhu fid-dawl tas-suespost u jwettaq l-obbligi assunti minnu surreferiti qabel ma jkun hemm ebda forma ta' pronunzjament dwar it-talbiet tieghu;

Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun hemm bzonn;

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti li hu ngunt minn issa ghas-subizzjoni tieghu;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Ottubru 2015;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-4 ta' Mejju 2011;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Dr Abigail Lofaro
Imhallef

Rita Vella Baldacchino
Deputat Registratur